# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 06

Data tal-laqgħa: 14 ta' Novembru, 2024

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2024 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helen Gauci |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Mariah Meli<br>Christopher Fenech<br>Marilena Hassan |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**06/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**06/01/01** Ma kienx hemm.

**06/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħames Laqgħa**

**06/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**06/02/02** **Para 05/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif r-resident li joqgħod fi Triq Ferdinand kellu jġib il-permess mis-sid ta' faċċata biex teħel il-mera u kif dan s'issa ma kien ġab xejn.

**06/02/03** **Para 05/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif il-Kunsill għadu qed jistenna risposta dwar minn fejn ser jingħata fondi sabiex isir l-*Impact Assessment madwar il-Għargħur.*

**06/02/04** **Para 05/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-manutenzjoni ta' *telephone box* qedin jinġabru stimi u kif s'issa daħla stima waħda. Kif jinġabru l-istimi kollha dawn ikun jistgħu jiġi ppreżentati lill-Gal Majjistral għal fondi.

**06/02/05** **Para 05/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif fuq il-ħajt tas-sejjieħ ta' Triq Dun Gio Batta Chetcuti, il-Kunsill applika mal-Public Works u qed jistenna minn naħa tagħhom sabiex jiġu u jgħamlu x-xogħol.

**06/02/06** **Para 05/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif hi kienet tkelmet mal-kuntrattur tad-dawl sabiex jgħati prezzijiet aħjar fuq il-bozzoz solari. Hi spjegat li qed tistenna risposta lura u ser tkun qed tinforma lill-Kunsilliera ġaladarba jkollha risposta mingħandu.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**06/02/07** **Para 05/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif Transport Malta ser tkun qed issejjaħ laqgħa bejn il-Kunsill Lokali tal-Għargħur u l-Kunsill Lokali tan-Naxxar minħabba l-prosposta sabiex isiru tabelli tan-'No Entry' bejn is-6:30 u 9 ta' filgħodu. Hi qalet ukoll kif hi kienet irċiviet korrispondenza kif bħala Kunsill Lokali tan-Naxxar kienu iddiskutew din it-talba fil-laqgħa tal-Kunsill u ma kienux qed jaqblu ma' din il-proposta.

**06/02/08** Il-Kunsillier Christopher Fenech qal kif fil-passat meta kienet saret laqgħa mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar u ma' Transport Malta sabiex Triq oħra tiġi direzzjoni waħda, in- Naxxar kienu insistew li dawn it-tabelli kienu saru fil-konfini tan-Naxxaru għalhekk il-każ kienu rebħuħ huma. Issa l-istorja hija simili u peress li t-tabelli ser isiru fil-lokalità tal-Għargħur, hu spjega kif jemmen li dan il-każ għandu jintrebaħ mill-Għargħur peress li t-tabelli ser ikunu fil-Għargħur.

**06/02/09** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilliera kif is-Segretarju Parlamentari hija infurmata dwar dan il-każ.

**06/02/10** **Para 05/02/11:** is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif hi qed tistenna mingħand Transport Malta biex japprovaw l-i*sleeping police* fi Triq l-Indipendenza.

**06/02/11** **Para 05/02/13:** is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif il-bins li kienu ġew mill-MTA tpoġġew gil-Ġnien tal-ponta u kif il-feedback tan-nies kien tajjeb ħafna.

**06/02/12** **Para 05/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Communal Reserved Parking Bay for Blue Badge Holders fi Triq San Bartilmew approvata minn Transport Malta kienet saret.

**06/02/13** **Para 05/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif it-tender ta' l-Accountant ser ikun qed jgħalaq sal-11 ta' filgħodu fid-19 ta' Novembru 2024 u kif għal din ir-raġuni jrid jiġi ffurmat bord fejn iċ-Chairman tal-bord tkun is-Sindku u s-Segretarju tkun is-Segretarju Eżekuttiv. Hi spjegat kif tlieta mill-Kunsilliera jridu jkunu fuq il-bord u staqsiet min jixtieq joqgħod. Kien hemm qbil li l-membri ser ikunu is-Sa Francesa Attard, is-Sa Mariah Meli u s-Sa Marilena Hassan.

**06/02/14** **Para 05/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv dwar il-laqgħat tas-Sottokumitat tal-Kultura u Attivitajiet fejn infurmat li l-laqgħa għadha trid tinżamm.

**06/02/15** **Para 05/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni dwar is-Semaphore Tower u bhekk mhemm l-ebda irbit ma' ħadd.

**06/02/16** **Para 05/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv tablet lis-Sa Hassan tagħti spjegazzjoni qasira dwar l-attività - 'Four Seasons In One Day' li kienet inżammet nhar is-Sibt 2 ta' Novembru 2024. Is-Sa Hassan qalet li sfortunatament ma kienx hawn ħafna tfal pero l-attività inżammet.

**06/02/17** **Para 05/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif ir-riżultat ta' l-applikazzjoni għal *Town Twinning* kien għadu ma nħariġx.

**06/02/18** **Para 05/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill għadu qed jistenna mingħand il-Public Works sabiex isiru t-toqob

**06/02/19** **Para 05/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif hi kienet tkelmet mas-Sur Jeffrey Muscat dwar il-website.

**06/02/20** **Para 05/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat kif ix-xogħol fuq il-playing field equiqment kien sar.

**06/02/21** **Para 05/02/27:** is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif il-bankina fi Triq Antonio Zammit ser ssir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**06/02/22** **Para 05/02/28 –** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet reġgħet fakkret lil Transport Malta biex jibgħatu risposta lura fuq l-applikazzjoni li kienet saret għaż-*zebra crossings* kemm fi Triq Dun Salvatore Zarb u oħra mid-dar tal-kavallieri sa faċċata.

**06/02/23** **Para 05/02/29 -** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s'issa ma kienx għad hemm risposta mingħand Transport Malta biex isir MC Bay fi Triq Dun Salvatore Zarb.

**06/02/24** **Para 05/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif għat-talba sabiex s-Sur Alfred Cuschieri jiġi imġedded għal sena oħra, id-Diviżjoni kien infurmaha li ser jinbeda l-proċess u hi kienet infurmathom kif bħala Kunsill kien hemm qbil dwar dan.

**06/02/25** **Para 05/02/34**: Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienet inżammet laqgħa mas-Sur Bryan Magro rigward is-Searchlight Battery fejn għaliha kien hemm preżenti s-Sindku u Francesca Attard.

**06/02/26** **Para 05/02/35**: Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat kif is-sejħa ta' offerti dwar Triq Għaxqet l-Għajn ser tkun qed tagħlaq nhar id-19 ta' Novembru 2024 fejn fuq il-Bord ser ikun hemm is-Sindku bħala Chairman, is-Segretarju Eżekuttiv bħala s-Segretarja, u talbet lill-Kunsilliera jressaq min jixtieq ikun fuq il-bord. Hi ssuġġeriet sabiex wieħed mill-evalwaturi jkun Perit u t-tnejn l-oħra jkunu Kunsilliera. Il-Kunsilliera qablu dwar dan is-suġġeriment u sabiex ikun hemm Francesca Attard u s-Sa Mariah Meli.

**06/02/27** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilliera kif il-Perit ser ikun qed jiġi l-Għargħur għal xi xogħol li jrid isir, fosthom xogħol ta' patching fi Triq F. Zarb fejn ha ssir BOQ biex tiġi ppreparata għad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Hi spjegat li ser tkun qed tinforma lill-Kunsilliera bid-data u ħin meta l-Perit ikun ġej sabiex tara jekk xi ħadd mill-Kunsilliera jkunx jixtieq ikun preżenti.

**06/02/28** **Para 05/02/39:** is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif fil-laqgħa preċedenti kellha tinforma lill-Kunsilliera dwar il-każ li kellu jinstema l-qorti nhar l-Erbgħa 13 ta' Novembru 2024 dwar il-konfini fuq il-passaġ bejn in-Naxxar u l-Għargħur. Hi spjegat kif il-każ inqata kontra l-Kunsill fejn is-sentenza ġiet bil-miktub u mgħoddija lill-Kunsilliera. Ha nkomplu ninsistu fuq Fil-frattemp l-Avukat għamlet talba għal esproprjazzjoni tal-passaġġ.

**06/02/29** **Para 05/02/41**: Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat bħala Kunsill ser ikomplu jippruvaw japplikaw mal-Gal Majjistral għal fondi għat-tabelli ta' informazzjoni. L-uffiċċju għadu qed jistenna l-istimi.

**06/02/30** **Para 05/02/42**: Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dwar l-istima tal-Perit biex isir il-pjan ħolistiku hi ġiet infurmata sabiex titkellem ma' rappreżentant mill-awtorità tal-ippjanar sabiex jiġi esplorat is-servizz ta' *spatial planning*. Hi spjegat li kif ikun hemm risposta dwar dan, il-Kunsill ser jiġi infurmat.

**06/02/31** **Para 05/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif hi kienet marret fuq il-post, Vjal ir-Repubblika, u spjegat kif il-parkeġġi għandhom bżonn jerġgħu isiru mill-ġdid.

**06/02/32** **Para 05/02/46:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif l-ilma tax-shelter ġie imbattal qabel l-attività.

**06/02/33** **Para 05/02/48:** is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif kien ġie diskuss li l-Kunsll ser ikun qed jara tistax tiġi organizzata xi attitività mas-sidien tal-klieb is-sena d-dieħla, bħal mixja.

**06/02/34** **Para 05/02/50:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif kienet għadha pendenti peress li s'issa ma ngħatatx *feedback* fuq il-*junction box*.

**06/02/34** **Para 05/02/51:** Is-Segretarju Eżekuttiv tkelmet dwar il-permess Triq F Zarb kantuniera ma' Triq il-Ġnien.

**06/02/34** **Para 05/02/52:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif it-talba għal *reserved parking bay* f'Triq Caravaggio kien hemm resident u xtaq japplika għal *communal bay*. Madanakollu minħabba l-kundizzjonijiet medika tiegħu, huwa għandu bżonn wieħed personalizzata. Għal din ir-raġuni Transport Malta infurmatu li jrid jisottometti applikazzjoni personalizzata u qed jistennew minn Aġenzija Żgħażagħ ghall-approvazzjoni.

**06/02/35** **Para 05/02/53:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif l-Anzjanità Attiva kienu qed jitolbu li l-Kunsill joffri Day Care Centre darba f'ġimgħa.

**06/02/36** **Para 05/02/56:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif il-Kunsill għadu ma rċieva xejn bil-miktub mingħand il-Water Services Corporation biex jikkonfermaw min hu responsabbli mill-fossa ta' Sqaq tal-Ħofra.

**06/02/37** **Para 05/02/57:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-karozza għadha mitluqa fi Triq Santa Katerina ġo għalqa. Is-Sur Fenech ikkonferma dan. L-uffiċċju ser ikun qed ifakkar lill-Pulizija dwar dan. Is-Sa Meli issuġġeriet li jiġu nfurmati Transport Malta dwar dan ukoll.

**06/02/38** **Para 05/02/58:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tabelli ġew ordnati mill-kuntrattur u qed tesiġi miegħu li dawn ikunu mwaħlin fi żmien ġimgħa.

**06/02/39** **Para 05/02/59:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser issir laqgħa mal-Kap ta' l-iskola fid-19 ta' Novembru 2024, fis-9:30 ta' filgħodu u l-Kunsilliera infurmaw jekk hux ser ikunu preżenti fiżikament jew onlajn.

**06/02/40** **Para 05/02/60:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat dwar ix-xogħol fuq l-arbli l-ħodor għadu ma bediex u ser jerġa jibgħatu tfakkira dwar dan.

**06/02/41** **Para 05/02/64:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bollard għal Triq Stiefnu Zerafa huwa ordnat.

**06/02/42** **Para 05/02/66**: Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif għadhom qed jinġabru kwotazzjonijiet oħra sabiex isiru *vehicle counts* peress li ż-żewġ kwotazzjonijiet huma simili fil-prezz. Is-Sa Gauci infurmat li tkelmet mar-Reġjun u l-kwotazzjoni kienet simili. Is-Sa Meli semmiet kif dan l-istudju ser ikun qed joħroġ informazzjoni mhux biss fuq il-Għargħur imma anke fuq il-madwar u b'hekk għandu jgħin ir-Reġjun f'dan l-istudju. Is-Sa Gauci fakret li l-lokalitajiet li jmissu mal-Għargħur ma jinsabux fl-istess Reġjun.

**06/02/43** **Para 05/02/67:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li ERA ma kienux taw tweġiba dwar l-barriera u ser ikun qed terġa tintbagħat tfakkira**.**

**06/02/44** **Para 05/02/69:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi kienet kitbet lill-Transport Malta biex darba fix-xahar il-Pjazza tkun magħluqa bejn id-9 u nofsinhar biex il-Kunsill ikun kopert b'permess bil-miktub.

**06/02/45** **Para 05/02/70:** Is-Segretarju Eżekutticv infurmat li ser tkun qed issir site visit fit-Triq minħabba l-culvert u l-Kunsilliera ser ikunu infurmati meta jkun ġej.

**06/02/46** **Para 05/02/27:** is-Segretarju Eżekuttiv infurmat dwar il-cobblestone Ta' Sqaq Charlotte. Is-Sa Meli qalet li Infrastructure Malta kienu infurmawha li ma tistax issir għax ma taqax taħt rurali

peress li residenzjali u għal din ir-raġuni qed tipprova tikkomunika mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**06/02/47** **Para 05/02/72:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienet talbet laqgħa mal-Public Transport u infurmat kif il-laqgħa hija skedata għal Ġimgħa 15 ta' Novembru 2024, fl-10 ta' filgħodu.

**06/02/48** **Para 05/02/73**: Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi kienet bagħtet emejl lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex niccekkjaw jekk fi Triq il-Ġnien tkunx tistà ssir gradilja min naħa tagħhom. Hi spjegat li għadha qed tistenna risposta mingħandhom.

**06/02/49** **Par 05/02/74**: Dwar il-pipeis-Segretarju Eżekuttiv li kien issemma minn Gnien il-Paci sal-pjazza, hi reġgħet tkelmet lis-Sur Mario Abela biex jgħati stima u spjega kif din hija xi ħaġa kbira u jrid ikun hemm permessi minn Transport Malta u Waster Services. Għal din ir-raġuni ser tkun qed terġa tiltaqgħa miegħu u jispjega aħjar. Is-Sur Fenech qal kif meta tinżamm din il-laqgħa tajjeb li wieħed ifakkar li din il-biċċa xogħol qed issir sabiex l-ilma tal-ġibjun jintuża biex jissaqqew il-pjanti minflok jinġib water bowser.

**06/02/50** **Para 05/02/75:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dwar il-ħarġa għal Sqallija s-Sa Attard għadhom qed isiru l-preparamenti.

**06/02/51** **Para 05/02/76:** is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għat-tiżjin tal-milied fit-toroq kienet daħlet offerta waħda biss mingħand is-Sur Jurgen Baldacchino u l-Kunsill qabel li nipproċedu b'din l-offerta.

**06/02/52** **Para 05/02/78:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġiet ordnata tabella taż-żwiemel fi Triq il-Ferħa u jidher li għadha ma twaħlitx. Is-Sa Meli fakret fit-tabella 'T' u dwar it-tabella fuq l-aċċess.

**06/02/53** **Para 05/02/79:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tabella għal 'No Heavy vehicles' għal Triq il-Kbira kienet ġiet ordnata

**06/02/54** **Para 05/02/80:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif l-istrixxi ta' mal-art fi Triq Għar San Brincat għadhom iridu jiġu approvati minn Transport Malta.

**06/02/55** **Para. 05/02/81:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kellha tinżamm *site visit* għal *doggy bins* fi Sqaq l-Indipendenza. Is-Sa Gauci ikkonfermaw li din il-laqgħa inżammet u kien hemm qbil li jinxtraw tminja minn dawn il-*bins.*

**06/02/56** **Para. 05/02/83:** is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif din ser ssir *site visit* mill-Perit sabiex umbad jgħati stima sabiex ix-xogħol fi Sqaq iċ-Ċawl isir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**06/02/57** **Para. 05/02/85:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif il-Kunsill kien applika biex issir manutenzjoni bħala sala u xogħolijiet fil-binja tal-Kunsill. Għal din ir-raġuni hi ġiet mitluba tibgħat *workplan* dettaljata u dikjazzjoni mill-Perit li mhux ser jintmess il-bini.

**06/02/58** **Para 05/02/87**: Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill kien bagħat id-dokumenti għal claim tal-*clean up* li kienet saret flimkien mar-Reġjun Lvant.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**06/02/59** **Para 05/02/88:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-Kunsill kien ghadu qed jistenna l-kunsens sabiex isir *double yellow line* quddiem garaxx peress li kienet daħla għal numru ta' garazzijiet fi Triq il-31 ta' Marzu.

**06/02/60** **Para 05/03/01:** is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif il-*one way* ta' Triq Luigi Catania għadhom qed jistennew li din tiġi diskussa bħala parti mill-pjan ħolistiku.

**06/02/61** **Para 05/03/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tkun qed issir *site visit* fi Triq in-Naxxar sabiex isir culvert peress li kien qed ikun hemm problema ta' ilma li kien qed jiħol fil-garaxxijiet.

**06/02/62** **Para 05/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tkun qed issir *site visit* mal-Perit biex isiru culvert fi Triq 31 ta' Marzu kantuniera ma Triq Caravaggio peress li kien qed jidħol l-ilma wara li ġiet irranġata t-Triq. Fakret ukoll kif dan ix-xogħol ser ikun qed isir mid- Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

**06/02/63** **Para 05/03/05** – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien sar ir-*risk assessment* peress li dan irid isir kull sentejn tal-binja tal-Kunsill u qed tistenna r-rapport fejn huma jressqu rakomandazzjonijiet għal min iżur din il-binja kif ukoll għal min jaħdem f'din il-binja.

**06/02/64** **Para 05/03/06 –** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif feedback dwar il-*Christmas Market* ser ikun qed jingħata mill-Kunsilliera aktar 'il quddiem.

**06/02/65** **Para 05/04/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sa Meli tagħati aġġornament. Is-Sa Meli qalet kif peress li f'Diċembru hemm ħafna avveniment din ser titella s-sena d-dieħla u kif diġa hemm sponsor bħal Playmobile. L-idea li ninkuraġġixxu familji bit-tfal jattendi biex minn eta żgħira jieħdu ħsieb l-ambjent u jiġi inċentivati permezz ta' rigal żgħir mill-Playmobile.

**06/02/66** **Para 05/04/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv tablet lis-Sa Meli tagħti aġġornament dwar il-'Hike Day'. Is-Sa Meli spjegat kif għal din l-attività attendew ftit nies pero hemm interess biex terġa tinżamm, bit-tama li terġa ssir s-sena d-dieħla.

**06/02/67** **Para 05/04/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif kienet iċċekjat jekk jistgħux jiġu wara nofsinhar pero il-problema hija li l-istudenti jkollhom il-*lectures*. Hi ġiet infurmata kif bħalissa qed iduru l-lokalitajiet kollha pero hi talbert sabiex jekk ikun hemm possibilita li jerġgħu jiġu.

**06/02/68** **Para 05/04/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif Marigold Foundation kienu ġabu l-banner, taw flyers u bott għal flus. Is-Sa Meli qaletkif lidea hi fil-jazza li jmiss dawn jitellgħu u jippruvaw jinġabru xi donazzjonijiet oħra wkoll.

**06/02/69** **Para 05/04/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif ser isir laqgħa mas-CEO tal-Primary Health Care fl-20 ta' Novembru fid-9 ta' filgħodu, onlajn.

**06/02/70** **Para 05/04/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat dwar iż-żewġ miżuri ta' Transport Malta – adoloxxenti u anzjani. Is-Sa Meli infurmat li dwar ta' l-adoloxxenti ser issir laqgħa ma' l-iskola. Filwaqt li s-Sa Gauci nfurmat li dwar l-anzjani qed tistenna li tingħata data għal laqgħa.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**06/02/71** **Para 05/04/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif il-Kunsill kien għadu qed jistenna l-istimi.

**06/02/72** **Para 05/04/10:** is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif il-bollards fi Triq San Ġwann ġew maqluha kollha u hemm periklu kbir u kif aktar kmieni dakinhar ġew infurmati Transport Malta, il-Puluzija, il-kuntrattur kif ukoll tal-Water Services. Is-Sa Tanti infurmat li tal-Water Services qed jieħdu ħsiebha internament. L-Enforcement officer, Mark Micallef, ġie infurmat dwar dan kollu u l-Kunsill ġie mitlub biex jerġa jidħol rapport.

**06/02/73** **Para 05/04/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tabella tar-*road hump* li qed tostakola gallarija fi Triq Caravaggio ġew infurmati Transport Malta sabiex jintalab peress għal *shifting.*

**06/02/74** **Para 05/04/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-avveniment ta' Halloween kien ta' success u dwar dan ser jitkelmu l-kunsilliera aktar 'il quddiem.

**06/02/75** **Para 05/04/16**: Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif id-*doggy bin* għal Triq in-Naxxar kantuniera ma' Triq l-Isqof Gaffiero huwa ordnat.

**06/02/76** **Para 05/04/18**: Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif il-post fejn ha ssir il-BCRS ma ġietx approvata minn Transport Malta u ġiet mitluba laqgħa urġenti. Hi spjegat kif Transport Malta infurmaw bil-miktub li jixtiequ li jiġu mressqa postijiet oħra qabel ma tinżamm din il-laqgħa. Għal din ir-raġuni l-Kunsill irid iressaq postijiet alternattivi. Wara diskussjoni qasira bejn il-Kunsilliera kien hemm qbil sabiex jiġu fuq il-post u naraw jinstabx post alternattiv.

**06/02/77** **Para 05/04/19:** is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif hi kienet infurmat lill-uffiċċju il-permess mingħajr Gwardjan jinħareġ biss meta jkun qed jgħamel xogħol fi Triq private u mhux fi Triq li minnha tgħaddi anke l-karozza tal-linja.

**06/02/78** **Para 05/05/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif fl-aħħar laqgħa kien hemm residenta li talbet biex issir bozza ġdida fi Triq Santa Katerina direzzjoni lejn Pama, fejn hemm sqaq. Kien hemm qbil li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv imorru fuq il-post għax l-inħawi hija ODZ.

06/02/79 Para 05/05/04: is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien hemm residenta li kienet talbet *rubber* mal faċċata f'kantuniera ta' Mons. L Catania pero l-Kunsill mgħandux indirizz u s-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tiltaqà magħha fuq il-post biex tifhem eżatt.

**06/02/80** **Para 05/05/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif l-uffiċċjali tal-LESA qedin iduru u qed jinħarġu ħafna ċitazzjonijiet. Is-Sa Meli talbet li dawn ma jmorrux f'żona waħda partikolari imma madwar il-lokalità kollha.

**06/02/81** **Para 05/05/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv fuq il-ġebla ta ħdejn il-monument li kien hemm miksura, hi kienet ġiet infurmata li ser jgħamilha *pin* biex tkun aktar soda. Hi żiedet tgħid kif il-pole għadu pendenti u l-bandiera trid issir waħda ġdida.

**06/02/82** **Para 05/05/07:** is-Segretarju Eżekuttiv rigward żewġ motorcycle bays fi Triq Dun Karm Fenech, hi spjegat kif ma jidhirx li hemm spazzju biex dawn isiru. Għal din ir-raġuni hi talbet lir-residenti tagħmel suġġeriment biex jiġi ikkonsidrat.

**06/02/83** **Para 05/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tabella 'Tarmix Żibel Hawn' kien ġiet ordnata.

**06/02/84** **Para 05/05/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-kompetizzjoni ta' l-aktar faċċata imżejna għal żmien il-Milied, hi infurma kif kienet talbet lir-resident sabiex issir laqgħa onlajn u jgħatina s-suġġerimenti tiegħu.

**06/02/85** **Para 05/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif dwar l-ipparkjar illegali ta' vannijiet fi Triq Mattia Preti, hi kienet ġiet infurmata li ser jibdew isiru rondi u ġiet imressqa talba sabiex isiru linji sofor. Hi infurmat li Transport Malta spjegat li jistà jkun hemm biss fil-kantunieri minħabba d-distanza ta' ħames metri mill-kantuniera.

**06/02/86** **Para 05/05/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat fuq il-'Keep Clear Bay' ta' Vjal ir-Repubblika kienet saret.

**06/02/87** Is-Sindku irrakomandat sabiex l-ikla tal-Milied ta' din is-sena issir MezaLuna. Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsilliera kollha.

**06/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**06/03/01** Is-Sindku infurmat kif għal Karnival 2025 il-Gvern Lokali ser ikun qed jgħati fondi permezz ta' l-iskema. Is-Sindku qalet kif din l-informazzjoni kollha marbuta ma' din l-iskema ġiet mgħoddija lill-kunsilliera permezz ta' emejl u jeħtieġ li ssir laqgħa sabiex din tiġi diskussa fid-dettal u ssir l-applikazzjoni. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera li l-Kunsill ser jipparteċipa f'din l-iskema.

06/03/02 Fuq l-għarmar tal-Milied, is-Sindku qalet kif Triq l-Oratorju kull sena tintrama mill-parroċċa u l-Kunsill iħallas €250, kif ukoll jinkrew l-abli mill-Kumitata tal-Festa għal prezz ta' €250 oħra.

06/03/03 Il-Kunsilliera kollha qablu dwar dan.

06/03/04 Is-Sindku għamlet referenza għall-artiklu li ġie jidher fil-gazzetta tat-Times of Malta dwar Triq il-Ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsilliera jekk għandhiex tinħareġ stqarrija dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar dan.

**06/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**06/04/01** Is-Sa Attard qale kif sqaq fi Triq l-Indipendeza hemm sigra li ghandha bżonn tinżabar.

**06/04/02** Is-Sa Attard infurmat li ġiet mitluba sabiex issir mera qabel tidħol għal kamra tan-nar. Is-Sindku infurmata li kien hemm mera u ser ikunu qed imorru fuq il-post biex jaraw eżatt.

**06/04/03** Is-Sa Attard spjegat kif l-attività ta' Halloween kienet ta' success u kienet sorpriża dwar l-attendenza. Naturalment hemm affarijiet li jridu jitranġaw jekk din terġa ssir is-sena d-dieħla imma bħala l-ewwel edizzjoni kienet tajba ħafna.

**06/04/04** Is-Sa Meli qablet mal-kummenti tas-Sa Attard u talbet biex tressaq il-fondi u spejjeż relatati ma' din l-attivita. Hi spjegat kif bħala sponsors il-Kunsill ġie mgħoti €150 mingħand Dre's Grill, €150 mingħand Exiles, €80 mingħand Twanny li kien qed ibiegħ l-imqaret, €50 mingħand Convenience Shop li ssarfu f'ħelu, Aquavel Boutique, Galea taw ħelu, Transient provda s sound b'xejn. Bakery li provdiet cupcakes. Bħal dhul kien hemm 380. Bhala spejjez kien hemm 400 u l-Kunsill ser ikun qed johrog 20 biss. Id-dhul li ngabar mix-shelter ser jinghaqaq ma attvita ohra u jmur għand il-Community Chest Fund.

**06/05/04** Is-Sa Attard tat aġġornament fuq il-*Christmas Village* fejn dan ħa jinżamm mis-7 ta' filgħaxija sa nofsilejl. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li għandha bżonn ir-rotta tal-ferrovija kif ukoll kif ser jitpoġġew l-affarijiet fil-pjazza. Is-Sa Meli qalet ukoll kif il-ferrovija ser tkun qed titlob donazzjoni ta' €2 kull persuna u dawn ser jingħataw lill-Malta Community Chest Fund.

**06/05/05** Is-Sa Attard irreferiet għall-laqgħa mas-Sur Brian Magro taċ-ċentru Don Bosca fejn ġie spjegat x'ser isir mill-binja sabiex tintuża mill-komunità u mill-għaqdiet. Is-Sa Attard issuġġeriet li mal-kuntratt isir addendum fejn jgħid li l-Kunsill bħala il-lessor iżomm id-dritt li s-sala tiġi użata mill-għaqdiet *through* il-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekja dwar dan ma' l-avukat.

**06/05/06** Is-Sa Attard infurmat kif sfortunatment il-laqgħa tal-anzjani f'Ottubru ma nżammitx minħabba n-nuqqas ta' konkorrenza (madwar 12/15-il persuna). Hi fakret kif l-attività li jmiss ser tkun il-*Christmas Party* ta' l-anzjani li ser tkun qed tinżamm fid-19 ta' Diċembru 2024.

**06/05/07** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-laqgħa preċedenti fejn kienet semmiet l-'Adults and Children's Sports Day' għal żmien il-Milied. Hi tkellmet mas-Sa Leanne Bartolo, mill-Warehouse, fejn ser tkun qed tinżamm nofstanar ta' *sports day* fl-għalqa tagħha. Din l-attività issir nhar il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2024 u ser tkun għal prezz ta' €10 ir-ras u ser tinkludi transport. Il-parteċipanti ser jingħataw ħobż u frott. Hi spjegat li l-poster ser ikun lest dalwaqt sabiex ikun jistà jiġi ċċirkulat fuq il-mezzi soċjali.

**06/05/08** Is-Sa Meli tat aġġornament fuq l-attivita tal-Pjazza tal-Familja li ser tinżamm nhar il-Ħadd 24 ta' Novembru 2024. Hi żiedet tgħid kif ser ikun hemm għaqdiet bħal Ġemma, Sedqa, Apoġġ, Children's Rights, FSWS li jaqgħu taħt il-Ministeru tal-Ġustizzja Soċjali u Solidarjetà, il-Familja u Drittijiet tat-Tfal. Ser ikunu qed jgħamlu attivitajiet mat-tfal u kbar. Il-ministeru iffinanzja kemm il-*bouncy castle, tinda, monitors u speakers.* Dakinhar ser ikun qed jinġabru donazzjonijiet għal Marigold Foundation

**06/05/09** Is-Sa Meli infurmat li hemm bżonn li ssir żabra fejn *Top of The World* u forsi din tintalab biex issir mid-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni u sabiex mid-Dipartiment tax-xogħlijiet pubbliċi jisir xi xogħol fuq partijiet mil-ħitan tas-sejjieħ. Kien hemm ftehim li ssir on site visit.

**06/05/10** B'referenza għall-attività ta' Halloween, hi spjegat kif kienet għamlet kuntatt ma' *media houses* u l-attività ġiet imtella fuq il-meżzi soċjali.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**06/05/11** Is-Sa Meli infurmat kif hi kienet attendiet għall-laqgħa organizzata minn SEM fejn kien hemm spjegazzjoni dwar ħafna programmi pero fosthom kien hemm il-programm URBACT li jaf ikun jistà jassisti fuq l-*impact assessment* u kif għal din ir-raġuni hi talbet laqgħa ma' SEM sabiex tingħata aktar tagħrif.

**06/05/12** Is-Sa Meli qalet kif fi Triq il-Wied hemm ċint u xtaqet li tittella proposta sabiex id-Dipartiment tax-xogħlijiet pubbliċi ikunu jistgħu jgħamlu railing maċ-ċint u dan ikun frekwentat ħafna mill-bdiewa. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li din iż-żona hija ODZ u kien hemm qbil li jintalab parir mill-perit.

**06/05/13** Is-Sa Meli talbet sabiex issir laqgħa fejn fiha jiġi diskuss il-Baġit għas-sena 2025. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif għadha qed tistenna l-ammont ta' l-allokazzjoni finanzjarja mid-Diviżjoni ghal Gvern Lokali fejn normalment din tasal fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru.

**06/05/14** Peress li fl-avvenimenti li qed isiru mill-Kunsill mhux qed ikun hemm konkorenza kbira, is-Sa Meli isuġġeriet li l-Kunsill irid jaħseb fuq metodi kif tistà tinġabar informazzjoni dwar etajiet differenti li jinsabu fil-lokal. Dan sabiex meta jkun hemm attività, wieħed ikun jaf lil min għandu jibgħat. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ewwel irid jintalab parir mid-DPO dwar kif għandha tiġi miġbura din l-informazzjoni.

**06/05/15** Is-Sa Meli ressqet ilment li kien waslilha mingħand l-Active Ageing Group, fosthom li l-pagamenti ma jdumux ma jsiru. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li parti mill-proċedura tirrikjedi li jkollha karta għal firma tas-Segretarju Eżekuttiv jew tas-Sindku bħala konferma li s-sessjoni tkun inżammet. Wara li ġiet imfakra dwar din il-karta, xtaqet li din tkun iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u mhux mis-Sindku meta is-SE ma kinitx preżenti.

**06/06/16** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif ilment ieħor kien dwar l-ispazju tas-sala qed ikun żgħir u jekk hux possibli nitolbu lill-Kappillan biex forsi tintuża s-sala parrokjali. Is-Sindku issuġġeriet li titkellem ma' l-iskola peress li hawn ċertu postijiet li huma fl-istess sitwazzjoni fejn qed tiġu użata s-sala ta' l-iskola wara l-ħin ta' liskola. Għal din ir-raġuni kien hemm qbil sabiex l-ewwel tintalab direzzjoni mingħand l-edukazzjoni.

**06/06/17** Peress li qed jinżammu ħafna laqgħat u attivitajiet differenti mill-Kunsill, iss-Sa Hassan issuġġeriet li jkun hemm *shared calendar*. Kien hemm qbil dwar dan.

**06/06/18** Is-Sa Meli infurmat kif fl-1 ta' Diċembru 2024 ser tkun qed tinżamm attività nhar il-ġurnata dedikata lin-nies b'diżabilità fejn it-tluq ser ikun fit-8 ta' filgħodu minn quddiem Dre's Grill. Malta Community Chest Fund fejn il-permessi saru u nħarġu kollha.

**06/06/19** Is-Sa Meli infurmat li qed isiru l-preparamenti neċessarji sabiex isir il-Presepju Ħal ġox-Shelter. Triq Ferdinand għandha tiġi mgħaluqa. Hi spjegat kif għal dan il-għan ġabet *sponsor* mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni li ser ikun qed jingħata kotba b;xejn lit-tfal biex titqajjem iktar kuxjenza dwar il-qari. Hi qalet ukoll kif ser ikun hemm *Father Christmas* preżenti nhar 20, 21st u 22nd mis-sitta ta' filgħaxija sat-tmienja ta' filgħaxija. Ħa jkun hemm xi bejħ ukoll. Is-Sa Attard żiedet tgħid li ser ikun hemm il-parteċipazzjoni tal-kor kif ukoll tal-banda mill-Għaqda tal-banda.

Is-Sa Meli qalet ukoll li ser ikun qed jintalab ħlas ta' €2 sabiex wieħed jidħol jara l-Presepju Ħaj b'risq il-Malta Community Chest Fund. Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni li jkun hemm xi ħadd barra mix-Shelter li jieħu ħsieb il-kju u l-ammont ta' nies li jkunu deħlin u ħerġin.

**06/06/20** Is-Sa Meli spjegat kif nhar is-6 ta' Jannar 2025 ser ikun hemm il-passejn bis-Slaten Maġi fejn flimkien mal-kappilan ser issir quddiesa bis-slaten maġi, tinżamm il-quddiesa bil-karattri tal-presepju u timxi għal-Presepju Ħaj u tagħlaq l-għeluq ta' din l-inizjattiva.

**06/06/21** Is-Sa Hassan infurmat li l-*play* hija mikuba u lesta u ser jerġgħu jiltaqgħu mat-tfal nhar 23 ta' Novembru 2024, fin-12:30pm, fis-sala tal-Kunsill, u ħeġġet lill-kumplament tal-Kunsilliera sabiex ikompli jxerdu l-kelma mat-tfal għal aktar parteċipazzjoni.

**06/06/22** Is-Sa Meli ressqet suġġeriment sabiex ir-*rack* tar-roti ssir fil-biċċa l-wiesgħa fejn hemm liskola. Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsilliera preżenti.

**06/06/23** Is-Sa Meli xtaqet tiġbed l-attenzjoni dwar kif qed jinħarġu l-permessi b'mod speċjali fejn hemm ċertu *blind spots* bħal Triq Stiefnu Żerafa għax ikunu ta' periklu. Is-Sa Meli staqsiet jekk hemmx xi *policy* dwar kif jinħarġu l-permessi mill-Kunsill. Is-Sindku spjegat kif dan il-permess ingħata kemm iħottu l-materjal u kellhom il-tabelli tam-*no parking* pero kienu f'post ħażin u nġibdtilhom l-attenzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat il-proċedura meta xi ħadd jitlobb permess, b'mod speċjali meta ma jkunx hemm uffiċjal waqt ix-xogħol u ma tingħatax informazzjoni koretta.

**06/06/24** Is-Sur Christopher Fenech informa li xi ħadd ġibidlu l-attenzjoni kif lejn tal-Ferħa hemm xi mera imkissra. Is-Sindku infurmat kif il-mera li kien hemm kienet ġiet mibdula riċentament pero ser imorru fuq il-post biex jiċċekjaw.

**06/06/25** Is-Sur Christopher Fenech qal kif ġie infurmat li it-*traffic lights* ta' ħdejn Maria taż-Żellieqa qed idumu forsi xi ħadd jistà jiċċekja it-*timer*. Is-Sindku infurmat li dawn ġew iċċekjati u huma tajbin.

**06/06/26** Is-Sur Fenech ressaq suġġeriment sabiex isir *communal parking* ħdejn ġnien il-paċi hemm bżonn fejn hemm ħafna faċilitajiet fosthom il-latrina, l-ATM, iċ-ċimiterju, il-ġnien u l-ħwienet – Triq San Bartilmow fejn hemm ħajt tas-sejjieħ u għadu m'hemmx bini. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan is-suġġeriment.

**06/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**06/05/01** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan il-Kunsill kienu irċieva żewġ ilmenti. L-ewwel waħda hija dwar il-*bus stop* li tinsab fi Triq Caravaggio fejn qed ikun hemm dlam kbir. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-problema hi li l-ewwel irid jingħata permess mir-residenti jew il-Kunsill jara min hu l-amministratur.

**06/05/02** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif it-tieni ilment kien imressaq minn resident dwar Triq F. Zarb fejn fil-preżenti qed isiru xogħolijiet u mal-liwja kull darba l-karozzi li jgħamlu użu minn din it-Triq qed jolqtulu l-faċċata għax jafsu mar-residenza tiegħu. Hi qalet ukoll kif bollards fit-Triq ma

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

jinħarġux permessi minn Transport Malta. Il-Kunsill jista joffri *rubber* jew naraw jekk jistax ikun hemm bollards fuq il-bankina (falza) li lanqas tintuża. Kien hemm qbil li jsir jew *rubber* mal-faċċata jew inkella naraw jixtieqx nitolbu permess għal biex isiru bollards u jistà jsiru mingħandu stess.

**06/05/02** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif bħala korrispondenza kien hemm emejl mingħand l-Awtorità ta' l-Ippjanar fejn kien hemm permess f'ODZ fi Triq il-Ġnien lejn il-Kappella ta' Santa Maria taż-Żellieqa. Il-Kunsilliera qablu sabiex ikun hemm oġġezzjoni mill-Kunsill peress li din hija f'żona ODZ.

**06/05/03** Is-Segretarjui Eżekuttiv infurmat kif il-Kunsill kien infurmat mill-kumpanija tal-vann minn fejn qed jinkera li bħala kuntratt jgħalaq fil-15 ta' Frar u konna għidna li jekk il-LESA toħroġ l-iskema kien hemm qbil li l-Kunsill japplika sabiex ikollu van ta' l-elettriku.

**06/05/04** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif hi kienet għaddiet lill-kunsilliera ilment dwar two car parking fi Triq il-Kbira faċċata. Kien hemm diġa qabel li ssir tabella 'no heavy vechiles' u sabiex ikun hemm infurzar.

**06/05/05** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat hi kienet bagħtet il-kuntratt tal-Greenpak u jekk kienx hemm xi mistqosijiet sabiex dan jiġi ffirmat. Kien hemm qbil sabiex dan il-kuntratt jiġi ffirmat.

**06/05/06** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat dwar komunikazzjoni li l-Kunsill Lokali kien irċieva mingħand id-Direttur Ġenerali dwar l-avviżi tat-traffiku u parkeġġ. Wara li qrat din il-komunikazzjoni, hi spjegat kif meta kienet issir attività kien isir avviż fil-gazzetta tal-Gvern u jitħallas €10 imma skond din issa l-Kunsill mgħandux għalfejn jibqa jgħamel dil-proċedura u jsiru biss minn naħa ta' Transport Malta jew tal-Puluzija.

**06/05/07** IS-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza dwar korrispondenza li kienet għaddiet lill-Kunsilliera dwar il-Bring-in-Site fejn irid jsir rapport mal-Puluzija minħabba l-ħsara li saret. Il-Pulizija talbu lill-Kunsill sabiex jgħamlu dan ir-rapport flimkien ma' ritratti u l-ispejjeż sabiex titranġa l-ħsara.

**06/05/08** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat dwar komunikazzjoni li kienet waslet mingħand il-Kunsill Reġjonali Lvant fejn ħabbar l-iskema Finanzjarja ta' €3,000 kull lokalità sabiex ikun hemm tiżjin tal-Milied.

**06/05/09** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba sabiex il-firmatorja l-ġdida tkun id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, Jeanette Galea, li ser tkun qed tmexxi kif tispiċċa is-Sa Tanti li hemm fil-preżent. Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 06/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**06/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda.

**06/06/02** is-Sa Attard ressqet domanda dwar sebgħa pagamenti li kienu saru għal Bolt Cabs.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**06/06/03** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dawn kienu servizz ta' trasport użat mis-Sindku minħabba li dawn kien hemm laqgħat li kienu inżammu l-Belt u l-Furjana u peress li s-servizz tal-vann tal-Kunsill ma kienx disponibbli.

**06/06/04** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**06/07 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**06/07/01** Il-laqgħa spiċċat fit-7:30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2024 fis-6:30p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Helen Gauci**<br>**Sindku** | **Jeanette Galea**<br>**Deputat Segretarju Eżekuttiv** |